2024/2652

11.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2652

tal-10 ta' Ottubru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tal-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji fis-settur tar-ross, l-aġġustament tal-kwoti tariffarji tal-esportazzjoni tal-ġobon għall-Istati Uniti u aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għaċ-ċertifikati IMA1 tal-importazzjoni tal-prodotti tal-ħalib minn New Zealand

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni.

(2) Il-kwoti tariffarji għar-ross bin-numri tal-ordni 09.4112, 09.4117, 09.4118, 09.4119, 09.4130, 09.4154, 09.4166 u 09.4168 kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, intalbu żżejjed għal bosta perjodi ta' allokazzjoni.

(3) Biex tiġi żgurata l-ġestjoni xierqa ta' dawk il-kwoti tariffarji, jenħtieġ li l-kwantitajiet massimi disponibbli biex jiġu applikati għal dawk il-kwoti tariffariji jiġu stabbiliti fl-għamla ta' kwantità ta' referenza, kif stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 ([3]). Għalhekk, jenħtieġ li jiġu emendati t-tabelli ta' dawk il-kwoti tariffarji fl-Annessi I u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jistabbilixxi r-regoli speċifiċi li jirregolaw il-kwota tariffarja għall-esportazzjoni tal-ġobon lejn l-Istati Uniti. Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, il-kwantità ta' din il-kwota tqassmet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. F'dan l-eżerċizzju, diverġenza fil-kalkolu wasslet għal diskrepanza bejn il-kwantità allokata lill-Unjoni mill-Istati Uniti, u l-kwantità indikata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XIV.5 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi aġġustat skont dan.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/760/oj).

(5) L-importazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib minn New Zealand taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4516, 09.4523, 09.4524 u 09.4525 jeħtieġ ikunu akkumpanjati minn ċertifikati IMA1 validi. Il-mudelli ta' dawn iċ-ċertifikati jenħtieġ li jiġu aġġustati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/608 ([4]), mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1173 ([5]) u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1178 ([6]). Filwaqt li l-mudell għall-kwoti tariffarji 09.4521 u 09.4522 għall-ġobon importat mill-Awstralja ma jeħtieġx modifika, il-mudelli stabbiliti fl-Anness XIV.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 għall-importazzjoni minn New Zealand taħt il-kwoti tariffarji 09.4516 (ġobon) kif ukoll 09.4523, 09.4524 u 09.4525 (butir) jenħtieġ li jiġu aġġustati skont dan.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 jiġi emendat skont dan.

(7) Biex jiġi żgurat li l-modifiki tal-mudelli taċ-ċertifikati IMA1 ma jfixklux l-attivitajiet kummerċjali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi perjodu tranżitorju li matulu ċ-ċertifikati jistgħu jiġu aċċettati kemm fil-format l-antik kif ukoll f'dak ġdid.

(8) Ir-rekwiżit tal-kwantità referenzjali jenħtieġ li japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4112, 09.4117, 09.4118, 09.4119, 09.4154, 09.4166, 09.4168 u 09.4130 wara perjodu ta' tranżizzjoni suffiċjenti biex l-operaturi jkunu jistgħu jadattaw in-negozju tagħhom għar-regoli l-ġodda. Peress li l-kwantità ta' referenza hija kkalkulata abbażi tal-importazzjonijiet magħmula minn kull operatur matul iż-żewġ perjodi ta' 12-il xahar qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal liċenzja, huwa meqjus raġonevoli li tiġi applikata l-kwantità ta' referenza mit-23 ta' Novembru 2026 biss, li huwa l-ewwel jum li fih l-operaturi se jkunu jistgħu jressqu l-applikazzjonijiet — flimkien mal-prova tal-kwantità ta' referenza tagħhom — għal liċenzji li se jkunu validi għall-perjodu tal-kwota tariffarja li jibda fl-1 ta' Jannar 2027.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitfasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV.5, il-Parti A, il-punt A2.";

(2) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jitfasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV.5, il-Parti A, il-punt A3.";

(3) l-Annessi I, III u XIV.5 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju, sal-30 ta' Ġunju 2025, l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw ċertifikati IMA1 ibbażati fuq il-mudelli użati qabel l-aġġornament stabbilit fil-punt (3)(a) tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/608 tas-17 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni ta' xi kwoti tariffarji wara l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 80, 20.3.2023, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/608/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1173 tat-13 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 fir-rigward ta' xi dispożizzjonijiet b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand u t-tħassir ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx validi fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib (ĠU L, 2024/1173, 24.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1173/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1178 tat-23 ta' April 2024 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward tal-ħolqien, tal-modifika u tal-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/1178, 24.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1178/oj).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1) u (2) tal-Anness għandhom japplikaw mit-23 ta' Novembru 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, III u XIV.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringiela li tikkonċerna l-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4112 hija sostitwita b'dan li ġej:

"09.4112	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru"

(b) ir-ringieli li jikkonċernaw il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4117, 09.4118 u 09.4119 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"09.4117	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru
09.4118	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru
09.4119	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru"

(c) ir-ringiela li tikkonċerna l-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4130 hija sostitwita b'dan li ġej:

"09.4130	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru"

(d) ir-ringieli li jikkonċernaw il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4154, 09.4166 u 09.4168 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"09.4154	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru
09.4166	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru
09.4168	Ross	Importazzjoni	UE: eżami simultanju	Iva	Meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760 biss		Nru"

(2) fl-Anness III, it-tabelli li jirreferu għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4112, 09.4117, 09.4118, 09.4119, 09.4130, 09.4154, 09.4166 u 09.4168 huma emendati kif ġej:

(a) ir-ringiela "Prova tal-kummerċ" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-kummerċ**	Iva. Il-prova tal-kummerċ meħtieġa biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760. 25 tunnellata"

(b) ir-ringiela "Kwantità ta' referenza" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Kwantità ta' referenza	Iva"

(3) L-Anness XIV.5 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija sostitwita b'dan li ġej:

"**PARTI A. KWOTI TAL-IMPORTAZZJONI BIĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

A1 — **MUDELL TA' ĊERTIFIKAT IMA 1 GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4521 U 09.4522**

1. Bejjiegħ	2. Nru tas-serje tal-ħruġ	**KOPJA ORIĠINALI**
3. Xerrej	ĊERTIFIKAT għad-dħul ta' ċerti prodotti tal-ħalib taħt ċerti intestaturi jew subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda	
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż tal-oriġini	6. Stat Membru tad-destinazzjoni

IMPORTANTI A. Irid jinħareġ ċertifikat separat għal kull forma ta' preżentazzjoni ta' kull prodott. B. Iċ-ċertifikat irid ikun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jista' jkun fih ukoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'lingwa uffiċjali waħda tal-pajjiż esportatur. C. Iċ-ċertifikat irid isir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni. D. Il-kopja oriġinali, u fejn ikun xieraq, kopja taċ-ċertifikat trid tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali fl-Unjoni fil-mument li fih il-prodott ikun qed jiddaħħal għall-moviment liberu.		
7. Marki, numri, kwantità u tip ta' pakketti: deskrizzjoni dettaljata tal-prodott u dettalji tal-forma tal-preżentazzjoni tiegħu.	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)
10. Materja prima użata		
11. Kontenut tax-xaħam skont il-piż (%), fil-materja niexfa ([1])		
13. Kontenut tax-xaħam, skont il-piż (%) ([1])		
14. Perjodu tal-maturazzjoni ([1])		
16. Osservazzjonijiet: (a) kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4… (b) maħsub għall-ipproċessar ([2])		
17. B'DAN HUWA ĊĊERTIFIKAT: li d-dettalji stipulati hawn fuq huma preċiżi u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.		
18. Korp tal-ħruġ	Post Sena Xahar Jum (Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ)	
([1]) Għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4521 biss ([2]) Ħassar kif xieraq.		

A2 — **MUDELL TA' ĊERTIFIKAT IMA 1 GĦALL-KWOTA TARIFFARJA BIN-NUMRU TAL-ORDNI 09.4516**

1. Bejjiegħ	2. Nru tas-serje tal-ħruġ	**KOPJA ORIĠINALI**
ĊERTIFIKAT għad-dħul tal-ġobon u l-baqta		
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż tal-oriġini NEW ZEALAND	
IMPORTANTI A. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull forma ta' preżentazzjoni ta' kull prodott. B. Iċ-ċertifikat għandu jkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jista' jkun fih ukoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'lingwa uffiċjali waħda tal-pajjiż esportatur. C. Iċ-ċertifikat għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni. D. Il-kopja oriġinali u, meta xieraq, kopja taċ-ċertifikat flimkien mal-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti tiegħu u dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali fl-Unjoni fil-mument li fih il-prodott ikun qed jitqiegħed f'ċirkolazzjoni libera.		

7. Marki, numri, kwantità u tip ta' pakketti: deskrizzjoni dettaljata tal-prodott u dettalji tal-forma tal-preżentazzjoni tiegħu.	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)
10. Materja prima użata Ħalib tal-baqra prodott esklużivament id-dar		
16. Osservazzjonijiet: Kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4516 għas-sena 20..		
17. B'DAN HUWA ĊERTIFIKAT li d-dettalji stipulati hawn fuq huma preċiżi u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.		
18. Korp tal-ħruġ	Post Sena Xahar Jum (Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ)	

A3 — **MUDELL TA' ĊERTIFIKAT IMA 1 GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4523, 09.4524 U 09.4525**

1. Bejjiegħ	2. Nru tas-serje tal-ħruġ	**KOPJA ORIĠINALI**
ĊERTIFIKAT għad-dħul tal-butir minn New Zealand soġġett għall-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.4523, 09.4524 u 09.4525		
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż tal-oriġini New Zealand	
IMPORTANTI A. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull forma ta' preżentazzjoni ta' kull prodott. B. Iċ-ċertifikat għandu jkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jista' jkun fih ukoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'lingwa uffiċjali waħda tal-pajjiż esportatur. C. Iċ-ċertifikat għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni. D. Il-kopja oriġinali u, meta xieraq, kopja taċ-ċertifikat flimkien mal-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti tiegħu u dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali fl-Unjoni fil-mument li fih il-prodott ikun qed jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera.		
7. Marki, numri, kwantità u tip ta' pakketti, deskrizzjoni dettaljata u dettalji tal-forma tal-preżentazzjoni tiegħu.	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)
10. Materja prima użata Mill-ħalib jew mill-krema		
16. Osservazzjonijiet: Kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4523 / 09.4524 / 09.4525 (ħassar kif xieraq) Il-kwota tal-butir ta' New Zealand għas-sena 20.. f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761		
17. B'DAN HUWA ĊERTIFIKAT li d-dettalji stipulati hawn fuq huma preċiżi u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.		

18. Korp tal-ħruġ	Post: Sena Xahar Jum (Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ)

A4 — **REGOLI GĦALL-MILI U L-VERIFIKA TAĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1 MAĦRUĠA GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4523, 09.4524 U 09.4525 – BUTIR MINN NEW ZEALAND**

Mili u verifika taċ-ċertifikat IMA 1

Ċertifikat IMA 1 għandu jkopri l-butir immanifatturat skont speċifikazzjoni tax-xiri ta' prodott wieħed f'impjant wieħed.

Iċ-ċertifikat IMA 1 għandu jitqies biss bħala mimli kif suppost u awtentikat minn korp tal-ħruġ elenkat fil-Parti A6, jekk ikun fih l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) fil-kaxxa 1, l-isem u l-indirizz tal-bejjiegħ;

(b) fil-kaxxa 2, in-numru tas-serje tal-ħruġ li jidentifika l-pajjiż tal-oriġini, l-arranġamenti tal-importazzjoni, il-prodott, is-sena tal-kwota u n-numru individwali taċ-ċertifikat, li jerġa' jibda minn wieħed kull sena;

(c) fil-kaxxa 4, in-numru u d-data tal-fattura;

(d) fil-kaxxa 8, il-piż gross f'kilogrammi;

(e) fil-kaxxa 9, il-piż nett totali f'kilogrammi;

(f) fil-kaxxa 10: "Mill-ħalib jew mill-krema";

(g) fil-kaxxa 16: "Kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4523/09.4524/09.4525 (ħassar kif xieraq)

Il-kwota tal-butir ta' New Zealand għas-sena 20.. f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761";

(h) fil-kaxxa 17, il-firma u t-timbru tal-korp tal-ħruġ;

(i) fil-kaxxa 18, l-indirizz eżatt u d-dettalji tal-kuntatt tal-korp tal-ħruġ.

A5 — **DEFINIZZJONIJIET U ĊIRKOSTANZI LI TAĦTHOM ĊERTIFIKAT IMA 1 JEW PARTI MINNU JISTA' JKUN IKKANĊELLAT, EMENDAT, SOSTITWIT JEW IKKOREĠUT – GĦAĊ-ĊERTIFIKATI IMA-1 KOLLHA**

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din il-Parti A, "lott" tfisser kwantità ta' prodotti tal-ħalib koperta b'ċertifikat IMA 1 ippreżentat lill-awtorità doganali kompetenti għad-dħul f'ċirkolazzjoni libera.

Kanċellazzjoni taċ-ċertifikat IMA 1 meta d-dazju sħiħ ikun dovut u mħallas għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' kompożizzjoni

Meta d-dazju sħiħ jitħallas fuq lott minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tal-kontenut massimu tax-xaħam, iċ-ċertifikat tal-IMA 1 korrispondenti jista' jkun ikkanċellat u l-korp tal-ħruġ tal-IMA 1 jista' jżid il-kwantitajiet konċernati ma' dawk li għalihom jistgħu jinħarġu ċ-ċertifikati tal-IMA 1 għall-istess sena tal-kwota.

Prodott meqrud jew ma jibqax tajjeb għall-bejgħ

Il-korpi tal-ħruġ tal-IMA 1 jistgħu jikkanċellaw ċertifikat IMA 1 jew parti minnu għal kwantità koperta minnu li tkun inqerdet jew li ma tibqax tajba għall-bejgħ f'ċirkostanzi li l-esportatur ma jkollux kontroll fuqhom. Meta parti mill-kwantità koperta b'ċertifikat IMA 1 tinqered jew ma tibqax tajba għall-bejgħ, jista' jinħareġ ċertifikat ta' sostituzzjoni għall-kwantità li jifdal. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu jkun validu biss sal-istess data tal-oriġinali. F'dan il-każ, il-kaxxa 17 taċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni IMA 1 għandu jkun fiha l-kliem 'validu sa 00.00.0000'.**3]**

Meta l-kwantità kollha jew parti minnha koperta minn ċertifikat IMA 1 tinqered jew ma tibqax tajba għall-bejgħ minħabba ċirkostanzi li l-esportaturi ma jkollhomx kontroll fuqhom, il-korp tal-ħruġ tal-IMA 1 jista' jżid dawn il-kwantitajiet ma' dawk li għalihom jistgħu jinħarġu ċ-ċertifikati IMA 1 għall-istess sena tal-kwota.

Bidla fl-Istat Membru tad-destinazzjoni

Meta l-esportatur ikun obbligat jibdel l-Istat Membru tad-destinazzjoni indikat fuq ċertifikat IMA 1 qabel ma tinħareġ liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti, iċ-ċertifikat oriġinali IMA 1 jista' jkun emendat mill-korp tal-ħruġ tal-IMA 1. Tali ċertifikat IMA 1 oriġinali emendat, li jkun awtentikat kif suppost u identifikat kif xieraq mill-korp tal-ħruġ, jista' jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-liċenzjar u lill-awtoritajiet doganali.

Żball klerikali jew tekniku

Meta żball klerikali jew tekniku jinstab fuq ċertifikat IMA 1 qabel ma tinħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti, iċ-ċertifikat oriġinali jista' jiġi kkoreġut mill-korp tal-ħruġ. Tali ċertifikat IMA 1 oriġinali korrett jista' jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-liċenzjar u lill-awtoritajiet doganali.

Ċirkostanzi eċċezzjonali meta prodott maħsub għall-importazzjoni f'sena partikolari ma jkunx disponibbli

Meta, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li l-esportatur ma jkollux kontroll fuqhom, prodott maħsub għall-importazzjoni f'sena partikolari ma jibqax disponibbli u l-uniku mezz biex timtela l-kwota, minħabba ż-żmien normali tat-trasport bil-baħar mill-pajjiż tal-oriġini, ikun li jiġi sostitwit bi prodott li oriġinarjament kien maħsub għall-importazzjoni fis-sena ta' wara, il-korp tal-ħruġ jista' joħroġ ċertifikat IMA 1 ġdid għall-kwantità sostitwita, bejn is-6 u l-10 jum kalendarju wara li jinnotifika kif xieraq lill-Kummissjoni bid-dettalji taċ-ċertifikat IMA 1 jew parti minnu li għandhom jiġu kkanċellati għas-sena kkonċernata u l-ewwel ċertifikat IMA 1 jew parti minnu maħruġ għas-sena ta' wara li għandu jiġi kkanċellat.

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għaċ-ċirkostanzi tal-każ ikkonċernat, tista' toġġezzjona fi żmien 7 ijiem kalendarji, u tagħti r-raġuni għall-oġġezzjoni tagħha. Meta l-kwantità li għandha tiġi sostitwita tkun akbar minn dik koperta mill-ewwel ċertifikat IMA 1 maħruġ għas-sena ta' wara, il-kwantità meħtieġa tista' tinkiseb billi jiġu kkanċellati ċ-ċertifikati IMA 1 addizzjonali, f'sekwenza, jew parti minnhom skont kif hemm bżonn.

Il-kwantitajiet kollha li għalihom iċ-ċertifikati IMA 1 jew parti minnhom kienu kkanċellati għas-sena kkonċernata għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet li għalihom jistgħu jinħarġu ċertifikati IMA 1 għal dik is-sena tal-kwota.

Il-kwantitajiet kollha li nġarru mis-sena tal-kwota ta' wara li għalihom ġie/ġew ikkanċellat(i) ċertifikat jew ċertifikati IMA 1, għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet li għalihom jistgħu jinħarġu ċ-ċertifikati IMA 1 għal dik is-sena tal-kwota.

A6 — **REGOLI BIEX JIMTLEW IĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

Minbarra l-kaxxi 1, 2, 4, 5, 9, 17 u 18 taċ-ċertifikat IMA 1, għandhom jimtlew il-kaxxi li ġejjin:

(a) fir-rigward tal-ġobnijiet Cheddar li joriġinaw fl-Awstralja li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0406 90 21 u elenkati taħt il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4521:

— il-kaxxa 7, billi jkun speċifikat 'ġobnijiet sħaħ taċ-Cheddar';

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqra prodott esklużivament id-dar';

— il-kaxxa 11, billi jkun speċifikat 'mill-inqas 50 %';

— il-kaxxa 14, billi jkun speċifikat 'mill-inqas 3 xhur';

— il-kaxxa 16, billi jkun speċifikat il-perjodu li għalih il-kwota hija valida;

(b) fir-rigward tal-ġobnijiet maħsuba għall-ipproċessar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406 90 01 u elenkati taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4522:

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat "ħalib tal-baqra prodott esklużivament id-dar";

— il-kaxxa 16, billi jkun speċifikat il-perjodu li għalih il-kwota hija valida.

A7 — **IL-KORPI TAL-ĦRUĠ GĦAĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

Pajjiż terz	Kodiċi NM u deskrizzjoni tal-prodott		Korp tal-ħruġ	
			Isem	Post
L-Awstralja	0406 90 01 0406 90 21	Ġobon Cheddar u ġobon ieħor għall-ipproċessar Ġobon Cheddar	Australian Quarantine Inspection Service Department of Agriculture, Fisheries and Forestry	PO Box 60 World Trade Centre Melbourne VIC 3005 L-Awstralja +61 3 92 46 67 10 Fax +61 3 92 46 68 00
New Zealand	0405 10 0406	Butir Ġobon u baqta	Ministry for Primary Industries	Pastoral House 25 The Terrace PO Box 2526 Wellington 6140 New Zealand Tel. +64 4 830 1574 www.mpi.govt.nz"

(b) Il-Parti B1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"B1 —**Identifikazzjoni tal-kwoti maħruġa mill-Istati Uniti**

Identifikazzjoni tal-grupp f'konformità man-Noti Addizzjonali fil-Kapitolu 4 tal-Iskeda tat-Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti		Identifikazzjoni tal-kwota	Kwantità annwali disponibbli
Numru tal-grupp	Deskrizzjoni tal-grupp		kg
(1)	(2)	(3)	(4)
16	Mhux speċifikament previst (NSPF)	16-Tokyo	835 707
		16-Uruguay	3 168 576
17	Ġobon tat-tursina	17-Uruguay	347 078
18	Ġobon Cheddar	18-Uruguay	333 515
20	Ġobon Edam/Gouda	20-Uruguay	1 100 000
21	Tip Taljan	21-Uruguay	2 025 000
22	Ġobon Żvizzeru jew Emmenthaler barra dak bil-formazzjoni tat-toqob	22-Tokyo	393 006
		22-Uruguay	380 000
25	Ġobon Żvizzeru jew Emmenthaler bil-formazzjoni tat-toqob	25-Tokyo	4 003 172
		16-Uruguay	2 420 000"